Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1394

21.5.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1394**

**tat-22 ta' April 2024**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ġappun min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212(1), flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 218(6) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2018/1197 tas-26 ta' Ġunju 2018 ([2]), il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim") ġie ffirmat fis-17 ta' Ġunju 2018, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(2) L-objettiv tal-Ftehim huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni u d-djalogu f'firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet bilaterali, reġjonali u multilaterali.

(3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni. ([3])

*Artikolu 2*

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu jikkopresjedi l-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 42 tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiskambjaw l-istrument li jikkonferma l-konklużjoni tal-approvazzjoni u r-ratifika mill-Parti tal-Unjoni previst fl-Artikolu 47(1) tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens li tkun marbuta bil-Ftehim. ([4])

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' April 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---

([1]) Kunsens tat-12 ta' Diċembru 2018 (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1197 tas-26 ta' Ġunju 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra (ĠU L 216, 24.8.2018, p. 1).
([3]) It-test tal-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L 216, 24.8.2018, p. 4 flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.
([4]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.